KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.11.2008
KUMM(2008) 722 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea
Rapport Annwali 2007

WERREJ

1. Introduzzjoni 3
2. Applikazzjonijiet ġodda Li Waslu fl-2007 3
3. Finanzjament 8
4. Monitoraġġ 9
5. 5. Għeluq 10
6. Konklużjonijiet 10

ANNESS 1 European Union Solidarity Fund applications received in 2007 12

ANNESS 2 Criteria to mobilise the EU Solidarity Fund 13

ANNESS 3 Determination of the amount of aid 14

ANNESS 4 Thresholds for major disasters applicable in 2007 15

1. INTRODUZZJONI

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea twaqqaf fil-15 ta' Novembru 2002[1]. L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Fond ta' Solidarjetà jagħmel kundizzjoni li jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.dwar l-attività tal-Fond fis-sena ta' qabel. Dan ir-rapport, jippreżenta l-attivitajiet tal-Fond fl-2007 u jkopri, bħar-rapporti preċedenti, tliet oqsma: it-trattament tal-applikazzjonijiet ġodda riċevuti matul l-2007; il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni kontinwa tal-għotjiet, u l-analiżi tar-rapporti tal-implimentazzjoni bil-ħsieb li dawn jiġu ppreparati għall-għeluq.

2. APPLIKAZZJONIJIET ĠODDA LI WASLU FL-2007

Fl-2007, il-Kummissjoni rċeviet 19-il applikazzjoni ġdida għall-għajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà. L-Anness 1 jagħti deskrizzjoni ġenerali dettaljata tal-każijiet kollha. Dawn ġew evalwati fid-dawl tal-kriterji stipulati fir-Regolament u tal-informazzjoni li l-Istati applikanti setgħu jipprovdu.

Il-Ġermanja

F'Jannar 2007 il-Ġermanja ntlaqtet minn maltempata kbira ("Kyrill") li kkawżat danni serji f'għadd ta' reġjuni. L-awtoritajiet Ġermaniżi applikaw għall-għajnuna finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà fid-29 ta' Marzu 2007. Inkisbet aktar informazzjoni fit-12 ta' Lulju 2007.

Il-maltempata kkwalifikat bħala diżastru serju billi d-danni diretti ta' EUR 4 687 miljun qabżu l-limitu applikabbli ta' EUR 3 267 miljun (jiġifieri EUR 3 biljun fi prezzijiet tal-2002). Saru ħsarat sinifikanti fl-infrastruttura, fil-foresti, fin-negozji u fid-djar privati. Fir-reġjuni li kienu milqutin l-agħar ġie ddikjarat stat ta' emerġenza. B'konsegwenza diretta tal-maltempata, 11-il persuna tilfu ħajjithom. Netwerks tat-toroq u tal-ferroviji ġew magħluqa b'siġar u b'kejbils tad-dawl imwaqqgħa, li wassal għal waqfien sħiħ tas-servizz tal-ferroviji fil-Ġermanja kollha u kien hemm ħtieġa ta' operazzjonijiet estensivi tat-tindif.

Fil-11 ta' Settembru 2007 Il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproponi lill-awtorità tal-baġit biex timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà u li tagħti għajnuna finanzjarja li tammonta għal EUR 166 9 miljun. Wara l-proċedura tal-baġit, l-għajnuna finanzjarja ngħatat lill-Ġermanja fis-27 ta' Diċembru 2007.

Spanja (EL Hierro)

Bejn is-26 u t-28 ta' Jannar 2007, il-gżira ta' El Hierro, l-iżgħar fost is-seba' gżejjer li jagħmlu l-arċipelagu tal-Kanarji ntlaqtet minn maltempata kbira b'xita qalila li għamlet ħsarat fl-infrastrutturi pubbliċi. Fid-29 ta' Marzu 2007 Spanja ppreżentat applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 311/3, 14.11.2002, f'li ġej imsemmi bħala "ir-Regolament".

Id-diżastru għamel ħsarat ta' xi EUR 17 858 miljun, li jirrappreżentaw 0.55 % tal-limitu normali biex jiġi mmobilizzat il-Fond (EUR 3 267 miljun). L-applikazzjoni għalhekk ġiet eżaminata skont il-kriterji ta' "diżastru straordinarju reġjonali". Ir-regolament jirrekjedi attenzjoni partikolari fuq reġjuni mbegħdin u iżolati; il-gżira ta' El Hierro tgħodd ma' din il-kategorija.

Il-Kummissjoni kkunsidrat li, biex il-kriterji speċifiċi għad-diżastri reġjonali jkunu sinifikattivi f'kuntest nazzjonali jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn ġrajjiet reġjonali serji u dawk li huma biss tal-lokal. Bi qbil mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, dawk tal-aħħar jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li dawk tal-ewwel jistgħu jiġu kkunsidrati għall-għajnuna taħt il-Fond ta' Solidarjetà. Diżastru li jirrappreżenta inqas minn 0.55 % tal-limitu normali għall-mobilizzar tal-Fond mhuwiex ikkunsidrat li jaqa' taħt il-prinċipju tal-Fond, lanqas f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew fil-każ ta' reġjun imbiegħed jew iżolat.

Ir-reġjun milqut ġie definit mill-awtoritajiet Spanjoli bħala l-gżira ta' El Hierro b'popolazzjoni ta' xi 10 500 abitant li jirrappreżentaw 0.5 % tal-popolazzjoni totali tal-Gżejjer Kanarji. Waqt li r-Regolament 2012/2002 ma jiddefinix limiti minimi ta' popolazzjoni jew territorju biex reġjun ikun eliġibbli l-Kummissjoni kkunsidrat li dawn għandhom ikunu rilevanti fil-kuntest ekonomiku tal-pajjiz ikkonċernat. F'dan il-każ id-diżastru kkawża danni serji lokali imma limitati għal territorju żgħir b'numru ta' nies limitat.

Filwaqt li l-applikazzjoni ma ħalliet l-ebda dubju li x-xita qawwija kkawżat danni gravi, ma kienx hemm evidenza biżżejjed ta' riperkussjonijiet serji u dewwiema għall-kundizzjonijiet tal-għajxien jew l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun (jiġifieri tal-Gżejjer Kanarji). Biex dan il-kunċett ta' stabbiltà ekonomika reġjonali jagħmel sens, ma setax jiġi applikat għal entitajiet wisq żgħar biex ikollhom impatt fuq ir-reġjun sħiħ. Kellu jiġi evalwat fil-kuntest reġjonali aktar wiesa', jiġifieri r-reġjun Spanjol tal-Gżejjer Kanarji. Ma kien hemm l-ebda ħjiel li l-istabbiltà ekonomika tal-Gżejjer Kanarji kienet intlaqtet. Fil-bidu tal-2008 il-Kummissjoni ddeċidiet li ma timmobilizzax il-Fond u infurmat lill-awtoritajiet Spanjoli b'dan.

Franza (La Réunion):

Fit-tmiem ta' Frar 2007 il-gżira Franċiża ta' La Réunion ġiet milquta miċ-ċiklun tropikali "Gamède" li kkawża ħsarat gravi lill-infrastrutturi u lil setturi differenti tal-ekonomija. Franza ppreżentat applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja fl-4 ta' Mejju 2007. Fid-29 ta' Ġunju, u fit-12 u s-17 ta' Lulju 2007 waslet informazzjoni aġġornata taċ-ċifri tal-ħsarat. Billi l-ħsara diretta ta' EUR 211 6 miljun baqgħet taħt il-limitu normali għal "Disastru maġġuri" billi kienet twassal biss sa 6.5 % tal-limitu applikabbli ta' EUR 3 267 miljun, din l-applikazzjoni ġiet studjata fuq kriterji ta' diżastri straordinarji reġjonali.

L-awtoritajiet Franċiżi ġġustifikaw l-applikazzjoni tagħhom minħabba l-pożizzjoni speċjali ta' La Réunion li hija l-aktar reġjun ultraperiferali mbiegħed u fl-istess ħin l-aktar popolat tal-Unjoni. Ġew ippreżentati provi li wrew li minħabba l-lok iżolat ta' La Réunion u s-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tagħha li diġà hija kritika, l-impatt u r-riperkussjonijiet dewwiema tal-ħsara kkawżata miċ-ċiklun kienu ferm aktar serji milli kienu jkunu kieku s-sitwazzjoni kienet mod ieħor. Id-diżastru kkawża danni serji fl-infrastrutturi, partikolarment fit-toroq, fil-provvista tal-ilma u t-

telekomunikazzjoni kif ukoll fl-agrikoltura u s-sajd, u f'livelli differenti, affettwa wkoll lill-popolazzjoni kollha ta' La Réunion. F'21 mill-24 komun tal-gżira kellu jkun dikjarat stat ta' emerġenza. Il-provi ppreżentati biex juru r-riperkussjonijiet serji u dewwiema fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun kienu bbażati l-aktar fuq il-problemi li joħorġu mill-ħsara kkawżata f'xi toroq maġġuri, b'mod partikolari d-distruzzjoni ta' pont fit-triq unika l-aktar importanti li tgħaqqad iż-żewġ poli ekonomiċi fit-tramuntana u fin-nofsinhar tal-gżira.Huwa mistenni li dan se jaffettwa ħażin ix-xogħol u t-tkabbir ekonomiku li jinvolvi wkoll l-għeluq ta' numru ta' Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju. Barra minn hekk, il-maltempata kkawżat telf sinifikanti fid-dħul mis-sajd, mill-agrikoltura u mit-turiżmu.

Fl-11 ta' Settembru 2007 il-Kummissjoni ddeċidiet li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà u pproponiet li tagħti għajnuna finanzjarja li tammonta għal EUR 5 29 miljun. Wara l-proċedura tal-baġit, l-għajnuna finanzjarja ngħatat lil Franza fit-28 ta' Diċembru 2007.

Spanja (Castilla-La-Mancha)

Fit-22 u t-23 ta' Mejju 2007, partijiet mir-reġjun ta' Castilla-La-Mancha ġew milquta minn għargħar qliel li għamel danni fl-infrastrutturi pubbliċi, fid-djar privati, fil-kummerċ u fl-agrikoltura. Spanja ppreżentat applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja fit-18 ta' Lulju 2007. L-awtoritajiet Spanjoli stmaw li l-ħsarat diretti kienu ta' EUR 66 172 miljun, dawn kienu jirrappreżentaw biss 2 % tal-limitu applikabbli biex ikun mobilizzat il-Fond għad-diżastri kbar (EUR 3 267 miljun). Billi l-ħsara totali baqgħet taħt il-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond l-applikazzjoni ġiet eżaminata skont il-kriterji ta' "diżastri reġjonali straordinarji".

Il-Kummissjoni kkunsidrat li, biex il-kriterji speċifiċi għad-diżastri reġjonali jkunu sinifikattivi f'kuntest nazzjonali, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn ġrajjiet reġjonali serji u dawk li huma biss tal-lokal. Diżastru li jirrappreżenta 2 % tal-limitu normali biex ikun mobilizzat il-Fond ma kienx ikkunsidrat li jidħol fil-prinċipju tal-Fond.

Wieħed mill-kundizzjonijiet biex ikun immobilizzat il-Fond f'każ speċjali huwa li tkun intlaqtet il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni tar-reġjun li għalih ikun hemm l-applikazzjoni. Din l-applikazzjoni kienet saret minħabba l-għargħar f'żewġ provinċji ta' Ciudad Real, b'popolazzjoni ta' 498 200 abitant u f'Toledo (576 200 abitant) fir-reġjun awtonomu ta' Castilla-La-Mancha, li għandu popolazzjoni totali ta' 1 839 900 (ċifri tal-2004). F'dawn il-provinċji l-għargħar laqat numru ta' muniċipji b'popolazzjoni totali ta' 71 379. Il-popolazzjoni ta' dawn il-muniċipji jirrappreżentaw biss parti żgħira ħafna mill-popolazzjoni tal-provinċji li jagħmlu parti minnhom. Waqt li r-Regolament 2012/2002 ma jiddefinix limiti minimi ta' popolazzjoni jew territorju biex reġjun ikun eliġibbli, l-Kummissjoni kkunsidrat li dawn għandhom ikunu rilevanti fil-kuntest ekonomiku tal-pajjiz ikkunċernat. F'dan il-każ id-diżastru kkawża danni serji lokali imma limitati għal territorju żgħir b'numru ta' nies limitat.

L-għargħar ikkawża danni fl-infrastruttura tat-toroq u tal-provvista tal-ilma, kif ukoll fil-faċilitajiet muniċipali, edukattivi, tas-sanità u tal-isport, fid-dwal tat-toroq u ta' ħafna djar, fl-agrikoltura u f'parti mill-bażi industrijali u tas-servizzi. Filwaqt li l-applikazzjoni ma ħalliet ebda dubju li l-għargħar u x-xita qawwija kienu għamlu ħafna ħsara fil-lokal, ma kien hemm l-ebda provi konvinċenti li dawn kien se jkollhom riperkussjonijiet serji u dewwiema fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-

istabbiltà ekonomika tar-reġjun. Minkejja li l-applikazzjoni kienet limitata għal-lokalitajiet li kienu l-agħar affettwati, kien hemm biss 1989 domanda għall-kumpens tad-danni fuq id-djar privati (minn popolazzjoni totali ta' 71 397 tal-lokalitajiet affettwati). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kunċett ta' stabbiltà ekonomika reġjonali kellu jiġi evalwat taħt il-kuntest reġjonali usa'. Għal din ir-raġuni l-Kummissjoni ddeċidiet li l-applikazzjoni ma kenitx tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' "riperkussjonijiet serji u dewwiema għal-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-istabbilità ekonomika tar-reġjun". Fit-23 ta' Jannar 2008 il-Kummissjoni ddeċidiet li ma timmobilizzax il-Fond u infurmat lill-awtoritajiet Spanjoli b'dan.

Ir-Renju Unit

F'Ġunju u Lulju 2007, wara mewġiet suċċessivi ta' xita aktar qalila mis-soltu, diversi lokalitajiet fir-Renju Unit ġew affettwati minn għargħar qawwi li kkawża ħsarat serji. Wara dan, fl-20 ta' Awwissu 2007, l-awtoritajiet tar-Renju Unit ippreżentaw applikazzjoni għall-assistenza finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà. Is-Servizzi tal-Kummissjoni talbu iżjed informazzjoni meħtieġa minnhom biex ilestu l-evalwazzjoni, u din waslitilhom fis-26 ta' Ottubru 2007.

It-total tad-danni direttament ikkawżati mill-għargħar jammonta għal iżjed minn EUR 4.6 biljun. Billi dan l-ammont jaqbeż il-limitu ta' EUR 3.267 biljun applikabbli għar-Renju Unit għall-intervent tal-Fond ta' Solidarjetà (jiġifieri EUR 3 biljun fil-prezzijiet tal-2002) id-diżastru kkwalifika bħala "diżastru naturali maġġuri" u għaldaqstant kien jidħol fil-qasam prinċipali tal-applikazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà.

Fl-10 ta' Diċembru 2007 il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproponi lill-awtorità tal-baġit biex timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà u li tagħti għajnuna finanzjarja li tammonta għal EUR 162 388 miljun.

Ċipru

Wara ħruq tal-foresti f'Ċipru fid-29 ta' Ġunju 2007, l-awtoritajiet Ċiprijotti ppreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna fl-4 ta' Settembru 2007. L-awtoritajiet Ċiprijotti għamlu stima li l-ħsara li saret kienet tammonta għal EUR 38.2 miljun, li jirrappreżentaw 48 % tal-limitu normali biex ikun mobilizzat il-Fond applikabbli għal Ċipru (EUR 79.895 miljun). L-applikazzjoni għalhekk ġiet eżaminata taħt il-kriterji ta' "diżastru straordinarju reġjonali".

Iż-żona li kienet inħarqet affettwat fil-biċċa l-kbira l-Foresta tal-Park Nazzjonali u ġie affermat li kienet ikbar mit-total tal-arja fil-lokalitajiet kollha meqrudin minn-nirien fl-aħħar seba' snin. Minkejja dan, l-effett fuq il-popolazzjoni kien limitat ħafna. Bħala ż-żona milquta, l-awtoritajiet Ċiprijotti identifikaw tlett irħula ħdejn xulxin b'popolazzjoni ta' 1 703 (jiġifieri 0.2 % tal-popolazzjoni ta' Ċipru). F'dawn l-irħula kienu milqutin 58 % tal-familji. Il-Kummissjoni kkunsidrat li d-daqs tal-popolazzjoni/territorju tar-reġjun milqut għandu jkun rilevanti fil-kuntest ekonomiku tal-pajjiż ikkonċernat. Ma deherx li diżastru li jolqot biss numru żgħir ħafna ta' nies (xi 988 abitant) seta' jgħodd fil-prinċipju tal-Fond ta' Solidarjetà.

Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda evidenza ċara ta' "riperkussjonijiet dewwiema u serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien". Skont l-awtoritajiet Ċiprijotti

n-nirien kienu għamlu ħsara pjuttost limitata fl-infrastruttura bażika (it-trasport; is-servizzi tal-ilma u tad-dawl), li ġew restawrati f'temp ta' ftit ġimgħat wara l-ħruq. Il-ħsarat fid-djar kienu limitati għal EUR 601 920 (medja ta' EUR 353 kull persuna fl-irħula milquta) u kienu jirrappreżentaw biss xi 1.5 % tal-ħsara totali. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-applikazzjoni ma kenitx tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha biex tiġi kkunsidrata "diżastru reġjonali straordinarju". Fit-23 ta' Jannar 2008 il-Kummissjoni ddeċidiet li ma timmobilizzax il-Fond u infurmat lill-awtoritajiet Ċiprijotti b'dan.

L-Italja

Fis-27 ta' Settembru 2007 l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw numru ta' applikazzjonijiet relatati ma' disa' reġjuni differenti tal-Italja. Imma, billi l-ebda waħda minn dawk l-applikazzjonijiet ma saret qabel għeluq il-limitu taż-żmien wara d-data tal-ewwel ħsara, l-awtoritajiet Taljani ġew magħrufa b'ittra miktuba fid-29 ta' Ottubru 2007 li l-applikazzjonijiet tagħhom ma kenux ammessibbli.

Spanja (Il-Gżejjer Kanarji)

F'Lulju/Awwissu 2007, it-tliet gżejjer tal-Gran Kanarja, Tenerif u La Gomera ntlaqtu mill-ħruq tal-foresti. Fit-3 ta' Ottubru 2007 Spanja ppreżentat applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja. Id-danni totali diretti kienu stmati għal EUR 144 2 miljun. Billi dan l-ammont jirrappreżenta 4.4 % tal-limitu normali biex jiġi mobilizzat il-Fond, l-applikazzjoni kienet ibbażata fuq il-kriterju ta' "diżastru reġjonali straordinarju".

Ir-reġjun milqut kien magħmul mit-tliet gżejjer tal-Gran Kanarja, Tenerif u La Gomera, b'popolazzjoni totali ta' 1 681 946 persuna. B'riżultat tan-nirien, saret ħsara fuq medda ta' 35 000 ettaru ta' art u kellhom jiġu evakwati 12 000 persuna (0.7 % tal-popolazzjoni affettwata). Id-diżastru għamel ħsarat serji fl-infrastrutturi tat-toroq u tas-servizz tal-ilma, fid-djar residenzjali, fl-agrikoltura, lill-bhejjem, fil-kummerċ u fl-ambjent naturali. Minkejja li l-Kummissjoni rat li kien hemm probabbiltà li dik il-parti tal-popolazzjoni li kienet tgħix qrib fejn saru n-nirien kienet, b'xi mod jew ieħor sofriet mid-diżastru, l-ebda evidenza ma ntweriet li l-maġġoranza tal-popolazzjoni li tgħix fuq it-tliet gżejjer tal-Gran Kanarja, Tenerif u La Gomera ġew affettwati.

Fir-rigward tal-kundizzjoni meħtieġa ta' konsegwenzi fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-istabbiltà ekonomika, l-applikazzjoni ddikjarat f'termini ġenerali li hemm effetti dewwiema fuq l-ambjent naturali, fuq l-infrastruttura u fuq ir-riżorsi li se jaffettwaw il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjoni fil-lokali fejn saret il-ħsara. Minkejja li saret din id-dikjarazzjoni, ma ntweriet ebda evidenza li ssostniha. Fir-rigward ta' konsegwenzi serji u dewwiema fuq l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun milqut, l-awtoritajiet Spanjoli indikaw fl-applikazzjoni li dawn ma jistgħux ikunu stmati fuq medda ta' żmien qasir u ma pprovdewx aktar evidenza.

Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-applikazzjoni ma kenitx tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tar-Regolament biex tiġi kkunsidrata "diżastru reġjonali straordinarju". Fil-bidu tal-2008 il-Kummissjoni ddeċidiet li ma timmobilizzax il-Fond u infurmat lill-awtoritajiet Spanjoli b'dan.

Franza (Il-Martinique)

F'Awwissu 2007 id-dipartimenti Franċiżi lil hinn minn Franza tal-Martinique u tal-Guadeloupe, żewġ gżejjer fl-Antilli Franċiżi ġew milqutin mill-uragan "Dean" li kkawża ħsarat serji fl-infrastrutturi u f'setturi differenti tal-ekonomija. Franza ppreżentat applikazzjoni għall-assistenza finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà tal-UE fis-26 ta' Ottubru 2007. Fit-8 ta' Jannar 2008 l-awtoritajiet bagħtu iżjed tagħrif lill-Kummissjoni. Fl-aħħar tal-2007 l-applikazzjoni kienet għadha qed tkun stmata u ma kenitx ittieħdet deċiżjoni mill-Kummissjoni fuq il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

Il-Greċja

F'Awwissu 2007 parti pjuttost estensiva tal-Greċja kienet milquta minn nirien fil-foresti. L-iżjed li kienu qawwija u mferrxin fuq medda wiesgħa n-nirien kien fir-reġjuni tal-Greċja tal-Punent, fil-Peloponnesja, fil-Greċja Kontinentali u fl-Attika. Id-diżastru kkawża ħsara maġġuri lil setturi differenti tal-ekonomija, partikolarment lill-agrikoltura, u qered l-infrastrutturi fil-qasam tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet, id-distribuzzjoni tal-enerġija, l-ilma u d-drenaġġ u l-prevenzjoni tad-diżastri naturali. Id-diżastru kkawża wkoll ħsara kbira lill-ambjent naturali, il-monumenti kulturali, l-iskejjel, l-isptarijiet u s-servizzi tat-tifi tan-nar. Saru ħafna spejjeż biex tiġi pprovduta akkomodazzjoni temporanja u biex jiġu ffinanzjati servizzi ta' salvataġġ biex jintlaħqu l-ħtiġijiet immedjati tal-popolazzjoni milquta Mietu 65 persuna fil-Peloponnesja, fil-Greċja tal-Punent u f'Evvoia minħabba n-nirien.

L-awtoritajiet Griegi talbu l-assistenza mill-Fond ta' Solidarjetà fit-30 ta' Ottubru 2007 u lestew l-applikazzjoni fl-24 ta' Jannar 2008. Fl-aħħar tal-2007 l-applikazzjoni kienet għadha qed tkun stmata u ma kenitx ittieħdet deċiżjoni mill-Kummissjoni fuq il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

Is-Slovenja

F'nofs Settembru 2007 parti kbira mis-Slovenja kienet milquta minn xita qawwija u maltempata, li wasslu għal għargħar serju u għall-valangi. L-awtoritajiet Sloveni ppreżentaw applikazzjoni għall-assistenza mill-Fond ta' Solidarjetà fid-19 ta' Novembru 2007.

Id-diżastru kkawża ħsara sinifikanti lill-infrastruttura (it-trasport, l-elettriku, l-ilma). Saret ħsara f'iktar minn 350 km ta' toroq nazzjonali u iktar minn 1 600 km ta' toroq muniċipali u tal-foresti, kif ukoll f'iktar minn 17-il km tal-infrastruttura tal-ilma, iktar minn 10 km ta' netwerks tal-elettriku, fi 48 riżerva tal-ilma u f'147 pont. Barra minn hekk, id-diżastru kkawża ħsara kbira fil-bini kemm pubbliku kif ukoll privat, fil-kummerċ, fl-agrikultura u fuq xi monumenti ta' wirt kulturali.

Fl-aħħar tal-2007 l-applikazzjoni kienet għadha qed tkun stmata u ma kenitx ittieħdet deċiżjoni mill-Kummissjoni fuq il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

3. FINANZJAMENT

Iż-żewġ każi tal-2006 li għalihom il-proċedura tal-baġit kienet għadha ma tlestietx qabel l-aħħar tas-sena (għargħar fl-Ungerija u fil-Greċja) ġew indirizzati b'baġit

wieħed li jemenda. L-Abbozz Preliminari tal-Baġit li Jemenda Nru 2/2007[2] ġie approvat mill-Awtorità ta' fuq il-Baġit fis-7 ta' Ġunju 2007. Il-ħlasijiet setgħu jsiru wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-għotja u wara li ġie ffirmat il-ftehim ta' implimentazzjoni.

Fl-2007 il-Fond ġie mobilizzat fuq żewġ każijiet ġodda (il-maltempata "Kyrill" fil-Ġermanja, Iċ-ċiklun "Gamède" fi Franza/La Réunion). L-ammonti ta' għajnuna f'kull każ ġew iddeterminati fuq il-bażi tal-metodu standard adottat preċedentement mill-Kummissjoni u spjegat fid-dettal fir-rapport annwali tal-2002/2003 (ara wkoll l-Anness 3 tar-rapport preżenti). Il-Baġit li Jemenda Nru 6/2007[3] ġie approvat mill-Awtorità ta' fuq il-Baġit fl-24 ta' Ottubru 2007. Il-ħlasijiet setgħu jsiru wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-għotja u wara li ġie ffirmat il-ftehim tal-implimentazzjoni. L-ammonti tal-għajnuna fl-2007 kienu dawn li ġejjin:

Il-benefiċjarju	**Id-Diżastru**	**Il-kategorija**	**Ammont ta'** għajnuna (EUR)
L-Ungerija	għargħar	maġġuri	15°063°587
Il-Greċja	għargħar	reġjonali	9°306°527
Il-Ġermanja	Maltempata	maġġuri	166°905°985
Franza (La Réunion):	Ċiklun tropikali	Reġjonali/ ultraperiferali	5°290°000
Total			**196°566°099**

Għall-applikazzjonijiet li waslu fl-2007 mir-Renju Unit (għargħar), mill-Greċja (Ħruq ta' Foresti), mis-Slovenja (għargħar) u minn Franza/Martinique (l-Uragan DEAN) il-proċeduri tal-baġit ma setgħux jitkomplew qabel l-aħħar ta' dis-sena. Għal dawn l-applikazzjonijiet il-Kummissjoni ppreżentat Abbozz Preliminarju li jemenda l-Baġits Nru 1/2008[4] u Nru 3/2008[5] li kienu approvati mill-Awtorità ta' fuq il-Baġit fid-9 ta' April 2008 u fil-5 ta' Ġunju 2008 rispettivament u mill-Abbozz Preliminarju tal-Baġit li Jemenda Nru 7/2008[6]. ir-rapport annwali tas-sena d-dieħla se jirrapporta dwar dawn.

4. MONITORAĠĠ

Fit-23 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni għamlet żjara ta' monitoraġġ fl-Awstrija biex tinforma ruħha fuq is-sistema addottata mill-awtoritajiet Awstrijaċi għall-implementazzjoni tal-għotja mill-Fond ta' Solidarjetà wara l-għargħar ta' ħsara kbira li għamel fil-Vorarlberg u fit-Tiroll f'Awwissu 2005, biex tiġi aġġornata fuq il-progress li sar fl-implementazzjoni tal-għotja, u biex tiddiskuti domandi speċifiċi tal-awtoritajiet Awstrijaċi.

Kif kien ġara f'okkażjonijiet oħra, iż-żjara kienet milqugħa tajjeb ħafna mill-awtoritajiet tal-post. Min-naħa tal-Kummissjoni, iż-żjara serviet biex tkun assigurata

2 COM(2007) 148 finali tat-28.3.2007
3 COM(2007) 527 finali tat-13.09.2007
4 COM(2008)15 finali tat-18.01.2008
5 COM(2008)201finali tal-14.04.2008
6 COM(2008)556 finali tal-15.09.2008

mill-mod kif ġiet implimentata s-sistema u fuq kemm sar progress. Fuq l-informazzjoni li ħadet, fehmet li l-implimentazzjoni miexja sew u li ttieħdu passi tajbin biex jiżguraw ir-rispett tal-obbligi tal-monitoraġġ u l-kontrolli.

5. 5. GĦELUQ

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament 2012/2002 jistipula li mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' sena mid-data tal-ħlas tal-għotja, l-Istat benefiċjarju jrid jippreżenta rapport dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-għotja (minn hawn 'il quddiem: "rapport dwar l-implimentazzjoni") bi stqarrija li tiġġustifika l-infiq (minn hawn 'il quddiem: "stqarrija ta' validità"). Fi tmiem din il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tistralċja l-assistenza mill-Fond.

Fir-rigward tal-għeluq tal-għajnuna fil-każ ta' Malta (2003 għargħar) li r-rapport tal-implimentazzjoni tagħha wasal fl-10 ta' Mejju 2006 u tlesta fit-28 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni innotat li l-ammont sħiħ tal-għotja tal-FSUE (jiġifieri EUR 961 220) intnefaq mill-awtoritajiet Maltin. Il-Kummissjoni stralċjat l-assistenza fit-3 ta' Lulju 2007.

Fl-2007, il-Kummissjoni rċeviet ir-rapporti finali tal-implimentazzjoni għall-għotjiet magħmulin fl-2005 u fl-2006 minn għand is-Slovakkja (maltempata fl-2004), l-Iżvezja, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja (kollha għandhom x'jaqsmu ma' maltempata li saret fl-2005). Fi tmiem il-perjodu kopert minn dan ir-rapport annwali, kienet għadha għaddejja l-evalwazzjoni ta' dawn ir-rapporti ta' implimentazzjoni.

6. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni rċeviet total ta' 19-il applikazzjoni ġdida fl-2007, l-ikbar numru ta' applikazzjonijiet għal sena waħda li qatt saru minn mindu ġie stabbilit il-Fond. Minn dawn l-applikazzjonijiet, erbgħa biss kellhom x'jaqsmu ma' diżastru naturali maġġur. Il-15-il applikazzjoni l-oħra ġew ppreżentati taħt il-kriterji ta' diżastru reġjonali u minn dawn, disgħa kellhom jiġu ddikjarati mhux ammissibbli għax ġew ippreżentati wara l-perjodu ta' applikazzjoni ta' 10 ġimgħat kif stipulat fir-Regolament.

L-applikazzjonijiet ġodda li waslu fl-2007 għal darb'oħra kkonfermaw ix-xejra ġenerali li biha l-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet għal għajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà ma jitressqux għal diżastri maġġuri li jirrappreżentaw l-ambitu ewlieni tal-Fond, iżda jitressqu taħt il-kriterji eċċezzjonali għad-diżastri reġjonali. Dawn il-kriterji – li skont ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati mill-Kummissjoni "bl-ikbar rigorożità" – għadhom relattivament diffiċli biex jiġu sodisfatti. Ir-rata ta' kważi żewġ terzi tal-applikazzjonijiet għall-kriterji reġjonali (eċċezzjonali) li jfallu, għadha għolja. Għal applikazzjonijiet dwar diżastri maġġuri li għalihom japplika biss kriterju kwantitattiv wieħed, l-evalwazzjonijiet pożittivi s'issa kellhom rata ta' 100 %.

Fl-2007 l-Istati Membri u l-Kummissjoni għal darb'oħra investew rispettivament ħafna ħin u sforzi fil-preparazzjoni u l-analiżi tal-applikazzjonijiet għal diżastri reġjunali iżgħar li ta' spiss wasslu għal rifjuti. Għalhekk, waħda mill-akbar bidliet fir-Regolament il-ġdid propost fis-6 ta' April 2005 għall-Fond ta' Solidarjetà huwa li jirrikorri biss għal-limiti kwantitattivi għal-livell ta' dannu meħtieġ biex jistimula l-

użu tal-Fond u b'hekk tiżdied it-trasparenza. Dan il-pass għandu jgħin biex jiġu evitati ħafna sforzi fil-preparazzjoni ta' applikazzjonijiet li wara dan kollu jkunu mċaħħdin għar-raġuni li l-kriterji eċċezzjonali huma diffiċili ħafna biex wieħed jissodisfahom. Bir-regolament il-ġdid tal-Fond ta' Solidarjetà, l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom idea aktar ċara ta' meta l-Fond x'aktarx li jkun jista' jappoġġahom biex jirkupraw minn diżastru.

Fl-2007, il-Kummissjoni għamlet numru ta' sforzi biex tikkonvinċi lill-Istati Membri, u partikolarment lill-presidenzi tal-Kunsill Ġermaniż u Portugiż li kienu se jilħqu, biex jerġgħu jiftħu d-dibattitu fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament ġdid tal-Fond ta' Solidarjetà, li kien ġeneralment intlaħaq sew fil-Parlament Ewropew. Madankollu, sa tmiem l-2007, ma kien sar ebda progress.

Annex 1
European Union Solidarity Fund applications received in 2007

Applicant Country	**| DE**	**| FR**	**| ES**	**| ES**	**| UK**	**| CY**	**| ES**	**| IT**	**| FR**	**| EL**	**| SI**
Name and nature of disaster	**Storm "Kyrill"**	**La Réunion "Gamède"**	**EL Hierro ooding**	**La Mancha ooding**	**Flooding**	**Forest fires**	**Forest fires**	**9 forest fire applications**	**Martinique "Dean"**	**Forest fires**	**oods**
First damage date	18/01/07	24/02/07	26/01/07	22/05/07	12/06/07	29/06/07	27/07/07	***	17/8/07	23/08/07	18/09/07
Application date*	29/03/07	04/05/07	29/03/07	19/07/07	20/8/07	04/09/07	3/10/07	***	26/10/07	30/10/07	19/11/07
Complete information available on	12/07/07	17/07/07	-	-	22/10/07	-	-	-	-	20/12/07	-
Major disaster threshold (m€)	3 266.629	3 266.629	3 266.629	3 266.629	3 266.629	79.9	3 266.629	3 266.629	3 266.629	1 066.497	164.272
Total direct damage (m€)**	4687.3	*211.6*	17.86	*66.17*	*4612*	38.2	*144.21*	-	511.2	2118.27	223.28
Category	**major**	**regional**	**regional**	**regional**	**major**	regional	regional	regional	regional	**major**	**major**
Damage/threshold	143.49%	*6.48%*	*0.55%*	2.03%	*141.19%*	*47.8%*	*4.41%*	-	*15.65%*	*198.62%*	*135.92%*
Cost of eligible emergency operations (m€)**	1025	*24*	*14.2*	35	356.7	*1.83%*	*12.98*	-	*119.9*	*1007*	*154.39*
Eligible cost/ total damage	21.87%	*11.34%*	*79.54%*	52.9%	*7.73%*	*4.79%*	*9%*	-	*23.45%*	*47.52%*	*69.15%*
Aid/eligible cost	16.28%	*22.04%*	-	-	*45.53%*	-	-	-	*10.66*	*8.91%*	*4.95%*
Aid rate (% of total damage)	3.56%	*2.5%*	-	-	*3.52%*	-	-	-	*2.5*	*4.24%*	*3.42%*
Date of grant decision	14/12/07	11/12/07	rejected 2007	rejected 2007	2008	rejected 2007	rejected 2007	Not admissable	**2008**	**2008**	**2008**
Date of Implementation agreement	18/12/07	18/12/07	-	-	2008	-	-	-	2008	2008	2008
Aid granted (EUR)	***166 905 985***	***5 290 000***	-	-	**(162 387 985)**	-	-	-	***(12 780 000)***	***(89 769 010)***	***(7 647 220)***

* Registration of initial application at Commission
** As accepted by Commission
*** 10 week application deadline missed in all nine cases

ANNESS 2
Criteria to mobilise the EU Solidarity Fund

Extract from Council Regulation 2012/2002:

"Article 2:

1. At the request of a Member State or country involved in accession negotiations with the European Union, hereinafter referred to as 'beneficiary State', assistance from the Fund may be mainly mobilised when a major natural disaster with serious repercussions on living conditions, the natural environment or the economy in one or more regions or one or more countries occurs on the territory of that State.

2. A '**major disaster**' within the meaning of this Regulation means any disaster resulting, in at least one of the States concerned, in damage estimated either at over EUR 3 billion in 2002 prices, or more than 0,6 % of its GNI.

By way of exception, a **neighbouring Member State or country involved in accession negotiations with the European Union**, which has been affected by the same disaster can also benefit from assistance from the Fund.

However, under exceptional circumstances, even when the quantitative criteria laid down in the first subparagraph are not met, a **region** could also benefit from assistance from the Fund, where that region has been **affected by an extraordinary disaster**, mainly a natural one, affecting the major part of its population, with serious and lasting repercussions on living conditions and the economic stability of the region. Total annual assistance under this subparagraph shall be limited to no more than 7,5 % of the annual amount available to the Fund. Particular focus will be on remote or isolated regions, such as the insular and outermost regions as defined in Article 299(2) of the Treaty. The Commission shall examine with the utmost rigour any requests which are submitted to it under this subparagraph."

ANNESS 3
Determination of the amount of aid

A progressive system in two brackets is applied whereby a country affected by a disaster receives a lower rate of aid of 2.5% for the part of total direct damage below the "major disaster" threshold and a higher share of aid of 6% for the part of the damage exceeding the threshold. The two amounts are added up.

The threshold is the level of damage defined by the Regulation to trigger the intervention of the Fund, i.e. 0.6% of GNI or EUR 3 billion in 2002 prices. This element ensures that the relative capacity of a State to deal itself with a disaster is taken into account. It also ensures that for the same amount of damage relatively poorer countries receive more aid in absolute terms than richer ones. For extraordinary regional disasters the same method is being applied, meaning consequently that countries affected by those disasters, which by definition remain below the threshold, receive 2.5 % of total direct damage in aid.

ANNESS 4

Thresholds for major disasters applicable in 2007

(based on 2005 figures for Gross National Income)

(Million €)

Country		GNI 2005	0.6% of GNI	Major disaster threshold 2007
AT	ÖSTERREICH	242 610	1 455.660	1 455.660
BE	BELGIQUE-BELGIË	301 089	1 806.535	1 806.535
BG	BALGARIJA	21 700	130.200	130.200
CY	KYPROS	13 316	79.895	79.895
CZ	ČESKA REPUBLIKA	95 308	571.847	571.847
DE	DEUTSCHLAND	2 248 160	13 488.960	3 266.629*
DK	DANMARK	208 981	1 253.883	1 253.883
EE	EESTI	10 528	63.168	63.168
EL	ELLADA	177 750	1 066.497	1 066.497
ES	ESPAÑA	893 165	5 358.990	3 266.629*
FI	SUOMI/FINLAND	157 346	944.076	944.076
FR	FRANCE	1 718 822	10 312.933	3 266.629*
HR	HRVATSKA	*30 947***	185.681	1.114
HU	MAGYARORSZÁG	83 689	502.134	502.134
IE	IRELAND	137 719	826.316	826.316
IT	ITALIA	1 412 607	8 475.641	3 266.629
LT	LIETUVA	20 296	121.774	121.774
LU	LUXEMBOURG (G-D)	24 018	144.106	144.106
LV	LATVIJA	12 655	75.932	75.932
MT	MALTA	4 395	26.369	26.369
NL	NEDERLAND	510 183	3 061.098	3 061.098*
PL	POLSKA	235 325	1 411.952	1 411.952
PT	PORTUGAL	145 347	872.080	872.080
RO	ROMÂNIA	77 011	462.068	462.068
SE	SVERIGE	286 933	1 721.600	1 721.600
SI	SLOVENIJA	27 379	164.272	164.272
SK	SLOVENSKÁ REPUBLIKA	37 141	222.843	222.843
TR	TÜRKIYE	290 025	1 740.151	10.441
UK	UNITED KINGDOM	1 830 312	10 981.869	3 266.629*

* ~ EUR 3 billion in 2002 prices

** GDP (GNI not available)